MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 461/2008

***GO p.l.c.***

***Versus***

***Fenici Insurance Brokers Limited*; u b'dikriet tat-30 ta' Ottubru 2008 issejħet fil-kawża s-soċjetà *Fenici Insurance Agency Limited***

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' tmintax-il elf, disa' mija u ħamsa u ħamsin euro u sitt ċenteżmi (€18,955.06) – flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji, l-imgħaxijiet legali u t-taxxa fuq drittijiet professjonali – għas-servizz telefoniku mogħti lill-konvenuti.
2. Il-kawża kienet inbdiet kontra s-soċjetà *Fenici Insurance Brokers Limited*, li magħha kien sar il-ftehim biex jingħata s-servizz, iżda wara talba mill-attriċi ssejħet fil-kawża bħala konvenuta wkoll is-soċjetà *Fenici Insurance Agency Limited* billi din is-soċjetà kienet tinqeda bis-servizz.

3. Is-soċjetajiet konvenuti, għalkemm notifikati bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressqux eċċezzjonijiet u ma dehrux għas-smigħ, u lanqas għamlu sottomissjonijiet bil-miktub għalkemm ingħatatilhom fakoltà jagħmlu hekk kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

4. Ix-xiehda turi illi tassew illi l-konvenuti huma debituri tal-attriċi kif mitlub fil-proċess, u l-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, disa' mija u ħamsa u ħamsin euro u sitt ċenteżmi (€18,955.06) flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji, l-imgħaxijiet legali u t-taxxa mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------